

EMA/653854/2018
EMA/H/C/004802

Ziextenzo (*pegfilgrastim*)

Ħarsa ġenerali lejn Ziextenzo u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

X'inhu Ziextenzo u għal xiex jintuża?

Ziextenzo huwa mediċina li tintuża f'pazjenti bil-kanċer biex tgħin fin-newtopenija (livelli baxxi ta' newtrofil, tip ta' ċellola bajda tad-demm), li hija effett sekondarju komuni tal-kura tal-kanċer u tista' twassal biex il-pazjenti jsiru vulnerabbli għall-infezzjonijiet.

Dan jingħata speċifikament biex jitnaqqas it-tul ta' żmien tan-newtopenija u biex tiġi evitata n-newtopenija bid-deni (meta n-newtopenija tkun akkumpanjata minn deni).

Ziextenzo mhuwix maħsub biex jintuża f'pazjenti bil-lewkimja majelojda kronika tal-kanċer tad-demm jew b'sindromi majelodisplastiki (kundizzjonijiet li fihom jiġu prodotti għadd kbir ta' ċelloli tad-demm anormali, li jistgħu jiżviluppaw f'lewkimja).

Ziextenzo huwa "mediċina bijosimili". Dan ifisser li Ziextenzo huwa simili ħafna għal mediċina bijoloġika oħra (il-"mediċina ta' referenza") li diġà hija awtorizzata fl-UE. Il-mediċina ta' referenza għal Ziextenzo hija Neulasta. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediċini bijosimili, ara [hawn](#).

Kif jintuża Ziextenzo?

Ziextenzo jista' jinkiseb biss b'riċetta ta' tabib u l-kura għandha tinbeda u tiġi ssorveljata minn tabib li jkun esperjenzat fil-kura tal-kanċer jew fid-disturbi tad-demm. Dan jiġi bħala siringi mimlijin għal-lest li fihom soluzzjoni għall-injezzjoni taħt il-ġilda. Ziextenzo jingħata bħala doża waħda ta' 6 mg li tiġi injettata taħt il-ġilda mill-inqas 24 siegħa wara t-tmiem ta' kull ċiklu ta' kimoterapija (kura b'mediċini tal-kanċer). Il-pazjenti jistgħu jinjettaw lilhom infushom, jekk dawn jitħarrġu b'mod xieraq.

Għal iktar informazzjoni dwar l-użu ta' Ziextenzo, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Kif jaħdem Ziextenzo?

Is-sustanza attiva f'Ziextenzo, il-pegfilgrastim, hija forma ta' filgrastim, li hija simili ħafna għal proteina tal-bniedem imsejja fattur stimulanti tal-kolonja tal-granuloċiti (G-CSF). Filgrastim jaħdem



billi jinkoraġġixxi l-mudullun sabiex jipproduċi aktar ċelloli bojod tad-demm: dan iżid l-għadd ta' ċelloli bojod tad-demm u b'hekk jikkura n-newtrogenija.

Filgrastim ilu disponibbli f'mediċini oħrajn fl-Unjoni Ewropea (UE) għal numru ta' snin. F'Ziextenzo, filgrastim għe "pegilat" (twaħħal ma' kimika msejja polietilenglikol). Dan idewwem it-tneħħija ta' filgrastim mill-ġisem, li jippermetti li l-mediċina tingħata inqas ta' spiss.

X'inhuma l-benefiċċji ta' Ziextenzo li ħarġu mill-istudji?

Studji fil-laboratorji li qabblu Udenyca ma' Neulasta wrew li s- sustanza attiva f'Ziextenzo hija simili ħafna għal dik f'Neulasta f'termini ta' struttura, purità u attività bijoloġika. L-istudji wrew ukoll li l-għoti ta' Ziextenzo jipproduċi livelli simili tas-sustanza attiva fil-ġisem bħall-għoti ta' Neulasta.

Barra minn hekk, studju li involva 624 pazjent li ħadu l-kimoterapija qabel jew wara kirurġija għall-kanċer tas-sider wera li Ziextenzo kien effettiv daqs Neulasta fit-tnaqqis tat-tul ta' newtrogenija. In-newtrogenja damet għaddejja 1 jum b'medja taż-żewġ mediċini.

Peress li Ziextenzo huwa mediċina bijosimili, l-istudji dwar l-effikaċja u s-sigurtà tal-pegfilgrastim li saru b'Neulasta m'għandhomx bżonn jiġu ripetuti kollha għal Ziextenzo.

X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Ziextenzo?

Is-sigurtà ta' Ziextenzo għet evalwata, u abbażi tal-istudji kollha li saru, l-effetti sekondarji tal-mediċina jitqiesu li huma komparabbli ma' dawk tal-mediċina ta' referenza Neulasta. L-effett sekondarju l-aktar komuni b'Ziextenzo (li jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10) huwa wġiġh fl-għadam. Uġiġħ fil-muskoli huwa komuni wkoll. Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet irrapportati b'Ziextenzo, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Għaliex Ziextenzo huwa awtorizzat fl-UE?

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ddeċidiet li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE għal mediċini bijosimili, Ziextenzo għandu struttura, purità u attività bijoloġika simili ħafna għal Neulasta u jiġi distribwit bl-istess mod fil-ġisem. Barra minn hekk, studju f'pazjenti b'kanċer tas-sider li jkunu qegħdin jieħdu kimoterapija wera li l-effettività ta' Ziextenzo hija ekwivalenti għal dik ta' Neulasta fit-tnaqqis tat-tul ta' newtrogenija.

Din id-data kollha għet meqjusa biżżejjed sabiex jiġi konkluż li Ziextenzo ser jaġixxi bl-istess mod bħal Neulasta f'termini ta' effettività u sigurtà fl-użu approvat tiegħu. Għalhekk, l-opinjoni tal-Aġenzija kienet li, bħal għal Neulasta, il-benefiċċju ta' Ziextenzo huwa ikbar mir-riskju identifikat u jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

X'miżuri qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Ziextenzo?

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzzjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Ziextenzo.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Ziextenzo hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji rrapportati b'Ziextenzo huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex tipproteġi lill-pazjenti.

Informazzjoni oħra dwar Ziextenzo

Aktar informazzjoni dwar Ziextenzo tinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija:

<https://www.ema.europa.eu/en/medicines/human/EPAR/ziextenzo>.